Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9593 — PTT GC/ALPLA TH/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 425/11)

1. Fid-9 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— PTT Global Chemical Public Company Limited ("PTT GC", it-Tajlandja),

— ALPLA TH Recyclingbeteiligungsgesellschaft m.b.H.A, ("ALPLA TH", l-Awstrija), u

— ENVICCO Limited (joint venture, "JV", it-Tajlandja)

PTT GC u ALPLA TH jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta (joint venture).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— PTT GC timmanifattura u tissupplixxi prodotti petrokimiċi upstream, intermedji u downstream, inklużi l-PolyEthylene Terephthalate (PET) u l-High Density Polyethylene (HDPE);

— ALPLA TH tiżviluppa u tipproduċi soluzzjonijiet ta' imballaġġ tal-plastik riġidu bħalma huma sistemi ta' imballaġġ (jiġifieri fliexken bit-tappijiet/bl-għotien), fliexken, għotien, partijiet bil-forma injettata, preforom u tubi;

— Il-JV se tipproduċi u tissupplixxi plastik riċiklat b'mod mekkaniku, jiġifieri PET riċiklat u HDPE riċiklat, magħmula minn materjali tal-imballaġġ ta' wara l-konsum.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9593 — PTT GC/ALPLA TH/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.